MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2012

Numru. 1359/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Michael Mallia**
**Spettur Joseph Mercieca**

**vs**

**David Mifsud**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat David Mifsud ta’ 28 sena iben Anthony u Anna nee’ Farrugia, mwieled Pieta’ fil-5 ta’ Gunju 1982, residenti fil-fond Blokk C1, Flat 3, Triq id-Duluri Pieta’ u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 313582(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Nhar il-15 ta' Settembru 2010 ghall-habta tal-hamsa u nofs u hames minuti ta' filghaxija, flimkien ma persuni ohra maghrufa fi Triq ix-Xehda Naxxar, ikkommetta serq ta' madwar hamsin elf Ewro (€50,000) fi flus kontanti u oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjlenza, bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li jeccedi is-somma ta' elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Ewro u seba' w tletin centezmu (€2,329.37) u li sar ghad-detriment ta' Doriette Tedesco u/jew persuni ohra ;

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, flimkien ma persuni ohra mhux maghrufa, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti is-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra il-persuna ta' Doriette Tedesco kontra l-volonta' taghha ;

Fl-14 ta' Settembru 2010, fi Vjal l-Indipendenza l-Mosta, ikkommetta serq ta' vettura tal-Ghamla u Marka Toyota Corolla bin-numri tar-registrazzjoni FAW678, liema reat ta' serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li jeccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u tlieta u disghin centezmu (€232.93) izda inqas minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u li sar ghad-dannu ta' Carmel Grima ;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 5 ta' April 2011 (esebita a fol. 258 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

1. Fl-Artikoli 261(a), (b), (c) u (g), 262(1)(a) u (b), 263(b), 267, 271(g), 275, 277, 279(b), 280(2) u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
2. Fl-Artikoli 86 u 87(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
3. Fl-Artikoli 261(c) u (g), 267, 271(g), 279(a), u 280(1) ;
4. Fl-Artikoli 49, 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tat-13 ta' Jannar 2012, l-imputat David Mifsud ddikjara li hu m' ghandux oggezzjoni li l-kaz

tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar it-23 ta’ Frar 2012 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Semghat is-sottomissjonijiet maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Ili ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li ghalkemm l-imputat huwa recidiv, jirrizulta biss l-addebitu ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kodici Kriminlai izda mhux ai termini tal-Artikolu 50 stante t-trapass tal-hames snin mis-sentenza li nghatat fil-konfronti tieghu fit-22 ta’ Marzu 2004 u kkunsidrat ukoll il-fatt li l-imputat wera d-disponibilita’ tieghu sabiex jikkolabora mal-Pulizija fl-investigazzjonijiet ulterjuri li qed taghmel dwar dan il-kaz u ghalhekk jidrilha li fic-cirkostanzi piena karcerarja sospiza b’Ordni ta’ Supervizjoni tkun l-aktar piena idoneja fic-cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tal-5 ta’ April 2011 u senjatament l-Artikoli  261(a), (b), (c) u (g), 262(1)(a), (b) (c) u (g) 263(b), 267, 271(g), 275, 277, 279 (a) u (b), 280, 334, 86 u 87(1)(e), 49, 17 u 31 Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b’applikazzjoni tal-

Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta’ erba’ (4) snin millum.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kodici Kriminali l-Qorti tpoggi lill-imputat taht Ordni ta’ Supervizjoni ghall-perijodu ta’ tlett (3) snin millum taht is-sorveljanza tal-Probation Officer Antonella Spagnol.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta’ elf u tnejn u sebghin ewro u sebghin ewro centezmi (€1072.70) liema ammont jirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dan il-kaz.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata minnufih lid-Direttur ghal Probation Services.

**Skeda A :**

| **Esperti** | **Rapport inserit a.fol numru** | **Spejjez perizjali €** |
|---|---|---|
| PS1284 Patrick Grech PS74 Mark Chetcuti | 70 Dok NC1 (PV pg 36) | €199.02 |
| Joseph Mallia | 70 Dok NC1 (PV pg 89 | €575.92 |
| PC1525 Patrick Farrugia | 70 Dok NC1 (PV pg 106 | €112.97 |
| A.I.C Richard Aquilina | 70 Dok NC1 (PV pg 118 | €184.79 |
| **Total** €1072.70 | | |

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------